

Brussell, 11 ta' Jannar 2024  
(OR. en)

16999/23  
ADD 1

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0147(NLE)

---

PECHE 620

**NOTA**

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                              |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                             |
| lil:     | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                                                                                                                             |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028)<br>- Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni |

Permezz tas-sentenza tagħha fil-kawżi magħquda C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs. il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat biċ-ċar li d-deċiżjonijiet b'rabta mal-konklużjoni tal-ftehimiet esterni dwar is-sajd jidħlu għalkollox fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 tat-TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)(a)(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet), u ċaħdet il-pożizzjoni li t-tali deċiżjonijiet jistgħu b'xi mod jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

Fir-rigward tad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Kiribati, min-naħa l-oħra (2023-2028), il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi ġuridika sostantiva tal-Artikolu 43(2) tat-TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu).

Għalkemm ma topponix l-adozzjoni tal-emenda tal-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward.